Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 93/2010

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

**Vs**

**Maria Assunta Spiteri**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuta tigi zgumbrata minn gewwa l-garaxx bin-numru 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex in kwantu jsostnu li permezz ta' kuntratt pubblikat fil-21 ta' Ottubru 2010 min-nutar Dr Andre Farrugia xtraw dan il-fond minghandha, u li ghadha qeghda tokkupah illegalment u abbuzivament. Il-kawza saret bil-procedura sommarja specjali ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Fis-seduta tal-lum dehret il-konvenuta u d-difensur li qieghed jassistiha ddikjara li d-difiza tal-konvenuta ghat-talbiet tal-atturi hi li *"……ghamlet kawza fl-ismijiet "Maria*

*Assunta Spiteri vs Joseph Micallef et" rikors 71/2010 li ghalkemm giet deciza llum minn din il-qorti ghad hemm il-possibbilita' li jsir appell."*.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet ilha zmien twil ghaddejja u s'issa tat lok ghal diversi proceduri gudizzjarji:-

a. **<u>Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri</u>** (Rikors 59/2007) deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 2009 u li permezz taghha l-konvenuta giet kundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-fond 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex taht il-pattijiet u kondizzjonijiet pattwiti fil-konvenju tal-21 ta' Awwissu 2006. Minn din is-sentenza ma sarx appell.

b. **<u>Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri</u>** (Rikors 119/2007) li ghadha pendenti. F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni peress li meta l-atturi ghamlu r-ricerki kien rrizulta li l-fond fuq imsemmi kien *"…. Soggett, fost ohrajn, ghal ipoteka ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) liema somma jkollha tithallas mill-esponenti mal-akkwista tal-fond imsemmi, dan oltre danni ohra li gew sopportati u li ghadhom qeghdin jigu sopportati esklussivament mill-esponenti konsegwenza ta' dan."*.

c. **<u>Maria Assunta Spiteri vs Joseph Micallef et</u>** (Rikors 20/2009) fejn Spiteri talbet li s-sentenza **Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri** (Rikors numru 59/2007) tigi mhassara u ssir ritrattazzjoni. Talbiet li gew michuda b'sentenza ta' din il-qorti fl-14 ta' April 2009 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010.

d. **<u>Maria Assunta Spiteri vs Joseph Micallef et</u>** (71/200) fejn Spiteri talbet ir-rexxissjoni tal-konvenju tal-21 ta' Awwissu 2010 minhabba qerq, u li l-obbligazzjoni saret minghajr kawza u minhabba kawza falza. Permezz ta' sentenza li nghatat illum il-qorti laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti ta' res judicata u preskrizzjoni.

Jirrizulta wkoll digriet li nghata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Awwissu 2010 u 14 ta' Ottubru 2010, il-kuntratt ta' bejgh gie pubblikat fil-21 ta' Ottubru 2010 min-nutar Dr Andre Farrugia (fol. 45). Ghall-attrici dehret Dr Simone Grech bhala kuratrici nominata mill-qorti.

Ghalhekk m'hemmx dubju li llum il-konvenuti huma l-proprjetarji tal-garaxx 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem u kellhom dritt jiehdu passi gudizzjarji sabiex jiehdu f'idejhom il-pussess materjali tal-fond. Hu minnu li mis-sentenza li nghatat illum fil-kawza **Maria Assunta Spiteri vs Joseph Micallef et** (71/200) ghad jista' jsir appell, madankollu dan mhu ser jibdel xejn. Bhalissa l-atturi ghandhom titolu ta' proprjeta fuq il-fond filwaqt li ma jirrizultax li l-konvenuta ghandha titolu fuq l-istess fond. Ghalkemm id-difensur tal-konvenuta qieghed jaghmel sforz kbir sabiex jipprova jelimina l-effetti tas-sentenza li nghatat minn din il-qorti fl-4 ta' Frar 2009, illum l-atturi ghandhom dritt li jkollhom it-tgawdija tal-pussess tal-fond wara l-kuntratt ta' xiri li gie pubblikat. Il-fatt li l-konvenuta ghadha tinsisti li l-konvenju li sar fil-21 ta' Awwissu 2006 ma kienx validu u ghad tista' tappella mis-sentenza li nghatat illum, ma jfissirx li f'dan l-istadju ghandha dritt li tibqa' tgawdi l-fond a skapitu tal-atturi.

Fil-fehma tal-qorti l-konvenuta ma ressqitx raguni li tista' titqies bizzejjed li jaghtiha d-dritt li topponi it-talba tal-atturi, u ghalhekk hemm lok li l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tilqa' t-talba tal-atturi sabiex din il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenuta m'ghandix titolu fuq il-garaxx numru 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex tordna li tigi zgumbrata minn gewwa dan il-fond fi zmien hamsin (50) jum mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------